MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru. 1022/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**KONTRA**

**PRISCILLA DIANE CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Priscilla Diane Cutajar ta' 23 sena, bint Saviour u Rita nee' Azzopardi, imwielda Tal-Pieta' nhar il-15 ta' April, 1984, residenti fil-fond Block A6, Flat 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Attard, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 199784M;

Akkuzata talli:

1. Fit-2 ta' Settembru, 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta’ kwalifi foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm6,000.00 (sitt elef lira maltin) bi hsara tas-socjeta’ KAMG Limited;

2. U kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm6,000.00 (sitt elef lira maltin) ghad-detriment tas-socjeta’ KAMG Limited;

3. U fl-ahharnett talli fl-istess cirkostanzi ikkommettiet serq ta’ aktar minn Lm6,000.00 (sitt elef lira maltin), liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268, 279, 280, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni huma komprizi u involuti f’xulxin, u ghaldaqstant ma ghandhomx jigju trattati bhala imputazzjonijiet separti ghall-finijiet ta’ piena;
wara li rat li t-tielet (3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel tnejn, u ghaldaqstant f’kaz ta’ htija il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-istess imputazzjoni.

Mill-provi prodotti tirrizulta li l-imputata kienet impjegata mas-socjeta’ KAMG Ltd bhala salesgirl. L-allegazzjoni fil-konfront taghha kienet li hi kienet qed tohrog hafna refunds lill-klijenti fittizji u zzomm il-flus hi, a detriment tal-kumpanija fejn kienet tahdem, bi qliegh qarrieqi ta’ iktar minn sitt elef lira maltin (Lm6,000.00). Il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru li kull salesgirl setghet fil-fatt taghti refunds lill-klijenti, izda fuq medda ta’ xhur ir-refunds mahruga mill-imputata kienu konsiderevoli, b’mod sproporzjonat meta mqabbla ma’ ohrajn fl-istess perjodu.

Dan irrizulta mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda moghtija, kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza. L-imputata baqghet tichad li qatt hadet dawk il-flus jew li qatt ghamlet hekk, izda l-provi kontra taghha kienu skjaccanti ghall-ahhar, u ma jhallu ebda dubju f’mohh din il-Qorti dwar il-htija taghha.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputata ghandha fedina penali netta u eta’ tenera, u ghalkemm ir-reat hu wiehed gravi, il-piena ghandha tinghata vicin il-minimu inidikat fil-Ligi. Barra minn hekk, il-Qorti giet infurmata li hemm kawza civili pendenti bejn is-socjeta’ KAMG Ltd u l-imputata ghall-hlas tal-ammont hekk mehud b’qerq mill-imputata, u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ma ghandux ikun hemm ordni ghar-rifuzjoni tal-ammont indikat, peress li dan jifforma mertu ta’ kawza civili li ghadha pendenti.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-imputazzjonijiet moghtija lill-imputata u qieset id-dinamika tar-reat, li hu wiehed kontinwat u ghalhekk joghla bi grad, u tasal ghall-konkluzjoni li r-reat hu dak ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dak ta’ frodi b’eghmil qarrieqi. Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 309 hu kompriz u involut f’dan, u ghalhekk ghandha tinghata piena wahda f’dan is-sens. L-imputazzjoni ta’ serq inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel tnejn, u ghalhekk il-Qorti qed tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Bhala piena l-Qorti sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ma taghtix prigunerija effettiva lill-imputata.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija imputata Priscilla Diane Cutajar hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni hekk kif dedotti kontrieha, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni u ghaldaqstant tikkundannaha ghal tmintax(18)-il xahar prigunerija, sospizi ghal tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------